Is-soder, *(Sodium carbonate decahydrate*, $Na_2CO_3.10H_2O$) jinħall ħafna fl-ilma, u l-użu tiegħu kien maħsub li jikkumbatti l-ilma tqil tagħna (li fih ħafna kalċju u minħabba f'hekk is-sapun ma jirgħax tajjeb). Qabel ma bdew jixtru is-soder, kienu jużaw irmied tas-soder, drawwa introdotta mill-Ewropa, li kien jiġi meta jinħarqu ċerti ħxejjex li jkun fihom aktar *sodium* (Na) fihom minn oħrajn, bħalma hemm diversi speċi li jikbru qrib il-baħar u jkunu kemxejn imlaħħmin u sukkulenti minħabba li jgħabbu aktar ilma fihom biex jikkumbattu l-kontenut għoli ta' melħ. Tabilħaqq dawn il-ħxejjex globalment huma wkoll magħrufin bħala Haxixa tar-Rmied, jew Almeridja (minn Irmidija), bħal speċi ta' *Salsola, Salicornia* u oħrajn mill familja *Chenopodiaceae*. Imma bosta, minflok kienu jfittxu l-irmied ta' dawn il-ħxejjex, kull irmied kien jgħodd!

---

**BENEFATTURI FL-INGILTERRA U FI FRANZA**
**jaħdmu biex iżommu ħajjin tifkiriet dwar Malta**

Fil-lista tal-membri li tidher f'din il-ħarġa, issibu tnejn imsemmijin bħala Membri Onorarji. Dawn kienu maħtura hekk bħala rikonoxximent tax-xogħol li huma jwettqu b'enerġija u mħabba biex iżommu ħajjin it-tifkiriet ta' niesna fost nisel il-Maltin barra minn artna. Minbarra hekk meqjusin bħala benefatturi minħabba l-għajnuna tagħhom ukoll lill-Għaqda Maltija tal-Folklor.

Is-Sinjorina Karmen Mikallef Buħaġar li ilha bosta snin toqgħod Londra, wara li żmien ilu kienet fil-komunità Maltija li kien hemm fl-Eġittu. Tippreferi titkellem u tikteb bil-Malti biss. Ta' kull sena tiġi fil-gżejjer tagħna u tagħmel kuntatti mal-Maltin u Għawdxin u ma' istituzzjonijiet u għaqdiet filantropiċi, u sa minn għadd ta' snin ilu regolarment, imma fuq kollox spontanjament għamlet donazzjonijiet ġenerużi ukoll lill-Għaqda tagħna. Minbarra dan ix-xogħol filantropiku, ta' kull sena, permezz ta' attivitajiet u tqegħid ta' kuruni, tfakkar awturi Maltin, speċjament lil Poeta Nazzjonali Dun Karm. Dan kollu hi tagħmlu umilment, mingħajr reklami u pubbliċità, għax dan ix-xogħol isir bl-ebda skop ieħor għajr biex turi mħabba lejn l-għeruq Maltin tant għeżież.

Madame Aurore Vèriè, benefattriċi oħra kienet kitbet, lit-Teżorier, bil-Malti, fost affarijiet oħrajn: "...Nixtieq ngħidlek kemm ngħożżha "L-Imnara";... qegħdin tagħmlu ħaġa prezzjuża ħafna għall-memorja ta' niesna... Meta naqraha nibgħatha lill-ħbieb li huma bħali ta' oriġini Maltija." Għal Franza ma telqitx minn Malta, iżda: "...in-nanniet tiegħi u l-bużnanniet marru minn Bormla u mill-Għargħur f'nofs is-seklu XIX għat-Tuneżija...Malta hija dejjem f'qalbna" Hija president tal-Għaqda *Amis de Malte* ta' Toulouse, u meta tikteb il-bulletin tagħhom tikteb xi ħaġa mil "L-Imnara" u tgħid: "...u kulħadd jifraħ għaliex inħobbu ir-rikordji tal-familja Maltija tagħna.... Il-ħbieb Franċiżi u l-qraba tagħnna ukoll jifirħu."

---